# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

MARZU
1973


# IL-KITTIEBA F'SAN ANTON

*Il-Palazz ta' San Anton ra slaten u kbarat, iltaqgħu fih ġemgħat ta' nies magħrufin u mqjumin, saru fih ġrajjiet li nkitbu fl-istorja ta' pajjiżna, imma ftit kienu dawk li xi darba għaddielhom minn rashom li qatt kellha tiġri dik il-laqgħa li saret f'dak il-Palazz nhar is-Sibt, 2 ta' Diċembru 1972, meta l-Eċċellenza Tagħhom Sir Anthony u Lady Mamo stiednu lill-kittieba Maltin biex igħaddu sagħtejn magħhom.*

*Dik l-istedina mill-ewwel Gvernatur Malti lill-kittieba Maltin hija xhieda u turija ta' fehma ġdida fil-Mexxejja ta' l-Istat u fl-istess waqt hi wkoll rahan ta' risq u fejda għall-koltura Maltija. B'dik l-istedina, il-letteratura Maltija ġiet magħrufa fis-swali tal-Kap ta' l-Istat u meqjusa xejn anqas minn opri oħrajn mnebbhin mill-arti u mfissrin mill-ġenju.*

*Dik il-laqgħa tibqa' mfakkra fl-istorja tal-letteratura Maltija. Kienet ġemgħa ta' nies intellettwali, imħalltin fl-età, fix-xogħol, fil-ġibdiet, fil-fehmiet tagħhom, imma magħqudin flimkien bħal aħwa f'ħaġa waħda: il-ġibda lejn ilsien art twelidhom u kollha mixgħulin b'xewqa waħda, dik li jaraw il-kitba bil-Malti tgħaddi 'l quddiem, tieħu sura nazzjonali togħla f'għajnejn il-barranin u tagħmel ġieh lil din l-art ħelwa tagħna.*

*Kienet lejla ta' seħer għal dawk li jħobbu l-letteratura. Kien hemm fuq il-mitt kittieb mistednin, kollha tħalltu u ferħu b'xulxin u tkellmu fuq il-ħsibijiet li kellhom f'moħħhom, fuq il-ġmiel tal-kitba u fuq is-sejħa li jħossu biex ifissru bis-sengħa u s-sbuħija tal-pinna, il-ħsibijiet li jdawwlu lil moħħhom u l-ħrara li tħeġġil-hom qalbhom.*

*Il-kittieba Maltin urew li għandhom ħażna ta' għerf u għaqal, u jafu jitkellmu u jafu x'igħidu fuq bosta u bosta għamliet u xejriet ta' kitba. Huma wrew li jistgħu jidħlu f'kull soċjetà u jiltaqgħu ma' kull klassi ta' nies, u fuq kollox għandhom ħabta jfissru l-fehma tagħhom bil-għaqal u bil-ħeġġa bla ma jdejqu lil min ikun jitkellem magħhom. Il-konversazzjoni tagħhom bejniethom u mal-Gvernatur u s-Sinjura Tiegħu, urew il-ħila tal-mistednin mhux biss bħala kittieba imma wkoll bħala kelliema.*

*Aħna ħassejna għaxqa ta' qalb għal dik il-wirja ta' rabta bejn il-kittieba Maltin u l-Kap ta' l-Istat, fraħna meta rajna kemm mexa 'l quddiem l-ideal li għalih twaqqfet l-Akkademja tagħna, u għaddielna ħsieb minn moħħna, ħsieb ta' hena u faraġ, imma*

*fl-istess waqt ta' niket: hena u faraġ għall-qagħda li fiha ninsabu aħna l-kittieba tal-lum, u niket għall-imrar li xorbu dawk ta' qabilna. Qatt kienu jobsru l-kittieba bil-Malti ta' mitt sena ilu, li dawk ta' warajhom kellhom ikunu milqugħin bil-ġieh kollu fil-Palazz tal-Kap ta' l-Istat ta' Malta!*